KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

Ottubru 7, 2025

# Rapport Amministrattiv għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2024

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), darbtejn fis-sena, il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja.

Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li jkun rivedibbli kull sena.

Il-fondi allokati għall-funzjonijiet speċifiċi għandhom jintużaw għall-għan li għalih qed jingħataw.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma jistax jonfoq mod ieħor l-allokazzjoni jekk mhux bl-approvazzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali wara li tintbagħat talba u raġuni dettaljata.

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI**
**2024**

**KUNSILL LOKALI: L-Iklin**

| Funzjonijiet | Allokazzjoni € |
|---|---|
| **L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att** | |
| **1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 3,891 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | 0 |
| **2. Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq: | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 54,331 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 13,010 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 36,750 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 5,782 |
| **3. Immaniġġar tal-Iskart** | |
| Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 57,835 |
| *Waste Tipping Fees* | 34,526 |
| **4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 140,808 |
| **Fond ta' Aġġustament (jekk japplika)** | |
| I. Fond għal Żoni Turistiċi | 0 |
| II. Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet | 0 |
| **TOTAL** | **346,933** |


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

Il-Gvern Lokali – Kunsill Lokali L-Iklin, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill għandu jaħdem bih.

Rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull tliet xhur għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt

Matul is-sena 2024, id-dħul kien ta' Eur412,930 filwaqt li l-ħruġ kien ta' Eur440.012. Il-ħruġ (expenditure) tal-Kunsill kien jinkludi l-Personnel Emoluments li ċ-ċifra telgħet għal Eur118,282.00, l-Operations & Maintenance l-ispiża telgħet għal Eur202,651.00, l-Administration Costs l-ispiża telgħet għal Eur51,727.00. Meta wieħed iħares lejn il-Profit & Loss għas-sena 2024, il-Kunsill spiċċa b'defiċit ta' Eur(27,082.00). Id-deprezzament fuq *Property, Plant & Equipment* laħqet is-somma ta' Eur27,082.00.

**Attendenza tal-Kunsillieri**

| ID-DISA KUNSILL 2024 | | | | | | | | | AMBAXXATUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | SCIBERRAS DORIAN | BARTOLO YVONNE | FARRUGA BERNICE | ZAMMIT EMANUEL | CATANIA GODWIN | Lokali |
| 67 | 04/01/2024 | Il-Ħamis | IVA | IVA | Assenti b'apoloġija | IVA | IVA | *Sede vacante* |
| 68 | 06/02/2024 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede vacante* |
| 69 | 05/03/2024 | It-Tlieta | IVA | IVA | Assenti b'apoloġija | IVA | IVA | *Sede vacante* |
| 70 | 02/04/2024 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede vacante* |
| 71 | 30/04/2024 | It-Tlieta | IVA | IVA | Assenti b'apoloġija | IVA | IVA | *Sede vacante* |
| 72 | 20/05/2024 | It-Tnejn | IVA | IVA | Assenti b'apoloġija | IVA | IVA | *Sede vacante* |
| 73 | 18/06/2024 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede vacante* |

**F'Lulju beda Kunsill elett ġdid 2024-2029**

Peress li kien hemm l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fit-8 ta' Ġunju 2024, l-Għaxar Leġiżlatura bdiet uffiċċjalment fl-1 ta' Lulju 2024 u reġa kien ikkonfermat Sindku Dott Dorian Sciberras. Il-membri eletti kienu s-Sinjuri Yvonne Bartolo, Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

Il-Viċi Sindku kienet ikkonfermata s-sinjura Yvonne Bartolo.




**L-Iklin Summary 2024**

**View Candidates**

| | | |
|---|---|---|
| Seats | | 5 |
| Quota | | 324 |
| Registered Voters | | 2,981 |
| Votes Cast | 2,070 | 69.4% |
| Valid Votes | 1,943 | 93.9% |
| Invalid Votes | 127 | 6.1% |

| | Count 1 | | Count 2 | | Count 3 | | Count 4 | | Count 5 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Partit Laburista** | | | | | | | | | |
| Chircop, Romina | 158 | +1 | 159 | ... | 159 | +3 | 162 | -162 | ... |
| Fenech, Mario | 322 | +9 | 331 | ... | 331 | -7 | 324 | ... | 324 |
| Fenech, Matthew | 204 | +2 | 206 | +1 | 207 | +2 | 209 | +151 | 360 |
| **Partit Nazzjonalista** | | | | | | | | | |
| Bartolo, Yvonne | 209 | +179 | 388 | -64 | 324 | ... | 324 | ... | 324 |
| Gatt, Glenn | 159 | +97 | 256 | +37 | 293 | ... | 293 | +1 | 294 |
| Gusman, Mary Grace | 141 | +138 | 279 | +26 | 305 | +2 | 307 | +2 | 309 |
| Sciberras, Dorian | 750 | -426 | 324 | ... | 324 | ... | 324 | ... | 324 |
| Non-Transferrable Votes | 0 | ... | 0 | ... | 0 | ... | 0 | +8 | 8 |
| Totals | 1,943 | | 1,943 | | 1,943 | | 1,943 | | 1,943 |

## Attendenza tal-Kunsillieri

Iċ-ċerimonja *swearing-in ceremony* tal-Kunsillieri saret nhar il-25 ta' Ġunju 2024 ġewwa s-Sala tal-Konferenzi, Dar il-Mediterran, Valletta.

Il-leġiżlatura l-ġdida bdiet fl-1 ta' Lulju 2024.

Il-Ġurament tal-Ħatra tas-Sindku Dott. Dorian Sciberras u dik tal-Viċi Sindku Sa Yvonne Bsartolo saret nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju 2024.

| L-GĦAXAR KUNSILL 2024 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | SCIBERRAS DORIAN | BARTOLO YVONNE | FENECH MARIO | FENECH MATTHEW | GUZMAN MARY GRACE | AMBAXXATUR Lokali |
| 1 | 01/07/2024 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |
| 2 | 10/07/2024 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |
| 3 | 08/08/2024 | Il-Ħamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |
| 4 | 10/09/2024 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |
| 5 | 09/10/2024 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |
| 6 | 06/11/2024 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |
| 7 | 11/12/2024 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | *Sede Vacante* |

**Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill**

Fil-bidu tal-leġiżlatura l-ġdida, is-Sindku Dott. Dorian Sciberras fetaħ diskussjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill fejn qal li Kunsill ġdid irid ikompli fuq il-proġetti mibdija mill-Kunsill preċedenti filwaqt li jirrevedi l-Pjan fejn jaħseb li minħabba issues ta' *policies* u fatturi oħra, dan il-Kunsill irid jieħu deċiżjonijiet u fejn jemmen li jista jkun aktar innovattiv fil-ħsieb dwar proġetti aktar tanġibbli li jistgħu isiru matul din il-leġiżlatura. Semma wkoll l-importanza li matul il-proċess ta' Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill jeħtieġ jinvesti aktar fir-riċerka billi jsiru studji xjentifiċi biex jara l-ħtiġijiet ta' din il-komunità. Ir-riċerka għandha tkun it-tluq ta' partenza biex il-Kunsill ikun jista jfassal Pjan ta' Ħidma fit-tul.

Is-Sindku semma l-viżjoni tiegħu għal dawn il-ħames snin li ġejjin fosthom ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona bħala proġett kapitali, servizzi ġodda bħal kunsiderazzjoni ta' *transport b'xejn għar-Residenti 60+* biex taqdi l-komunità, l-implimentazzjoni ta' CCTV fi Pjazza Ninu Cremona, titjib u tisbieħ tas-Sala tal-Kunsill, l-implimentazzjoni ta' *Speed Cameras* fi Triq il-Wied, identifikazzjoni ta' sit ġdid fi Triq Dr. Pawlu Grech biex isir studju għal żvilupp li jaqdi l-komunità, tisbieħ ta' *soft landscaping* eżistenti, il-possibiltà ta' studju dwar *neighbourhood watch/Community Policing*, u titjib fis-servizz tal-Indafa Pubblika fiż-żoni urbani u dawk rurali.

**Proġetti infrastrutturali**

Matul is-sena 2024, il-Kunsill Lokali għalaq numru ta' proġetti infrastrutturali permezz ta' toroq residenzjali ġodda li kienu jinkludu Triq Stefano Erardi, Triq Alfons Marija Galea, Triq il-Ħarruba, u Triq il-Plejju. Dawn it-toroq saru skont pjan ta' ħidma li fassal il-Kunsill mal-Aġenzija Infrastructure Malta fejn l-imsemmija toroq ġew asfaltati mill-ġdid inkluż it-tibdil fis-servizzi tal-ilma u drenaġġ. Dan il-pjan ta' ħidma kien varat bejn 2023-2025.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien sieħeb ewlieni f'dawn il-proġetti. B'hekk verament sar titjib fl-infrastruttura ta' din il-lokalità li finalment ibbenifikaw iċ-ċittadini tagħna.

L-għan tal-Kunsill kien li jistabilixxi lista ta' prijoritajiet biex finalment inwasslu proġetti kompluti li jagħtu aktar valur għall-flus il-poplu u b'inqas inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill emmen li permezz ta' infrastruttura ġdida, iċ-ċittadini se jaraw bidla li wara kollox jixtieqU jaraw in-nies, sintendi bidla għall-aħjar li l-Kunsill kien kommess li jwassal fil-lokalità tal-Iklin.

**Proġett għall-komunità 60+**

F'Ottubru 2024, is-Sindku Dott Dorian Sciberras ħabbar li kien wasal l-Electric Powered Passenger Van 7 seater wara li l-Kunsill kien applika għal skema SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Is-Sindku kien issottometta proposta dwar ix-xiri ta' EV biex il-Kunsill jibda jipprovdi servizz ieħor lill-komunità partikolarment lill-anzjani fejn il-Kunsill joffri servizz ta' transport għal servizzi essenzjali. Fid-dawl tal-istudju li l-Kunsill kien wettaq mal-Università ta' Malta preċiżament mall-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, il-Kunsill ried jimplimenta dak li ħareġ mill-istudju.

Kien għalhekk li l-Kunsill ressaq din il-proposta biex joffri servizz ta' transport intra-komunitarju għal persuni 60+ bl-iskop li l-Kunsill jappoġġja l-miri dwar l-istrateġija nazzjonali kif isemmi l-Patt Ekoloġiku Ewropew fejn jistabilixxi l-objettiv li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima fis-sena 2050. L-elettrifikazzjoni fis-settur tat-trasport tikkontribwixxi għall-effiċċjenza tas-sistema u tiffaċilita t-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija rinnovabbli.

Wara li l-proposta ġiet milqugħa mill-Bord tal-Evalwazzjoni, it-talba għall-fondi ġiet aċċettata u l-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' Eur31,450.00 VAT inkluż u kif ukoll għall-ammont ta' Eur1,500 VAT inkluż bħala fondi għall-assistenza waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Bażikament il-Kunsill ingħata 75% tas-somma bil-quddiem u l-bilanċ jingħata kif jiġi finalizzat il-proġett. Il-Kunsill ingħata s-somma ta' Eur24,712.50 bil-quddiem skont il-*grant agreement*. Sintendi il-proċess ħa ż-żmien tiegħu fejn kellu jsegwi l-proċeduri finanzjarji permezz tal-akkwist pubbliku. Wara li l-Kunsill kien ippubblika s-sejħa għall-offerti għal tliet darbiet konsekuttivi mingħajr rispons sodisfaċenti mill-*economic operators*, il-Kunsill ottjena l-permess mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex imur għal kuntratt dirett skont proċedura stabbilita.

L-EV irreġistrat u liċenzjat wasal f'idejn il-Kunsill nhar it-8 ta' Ottubru. Is-Sindku esprima l-ħsieb li l-EV isirlu *half wrapping* biex jindika li l-EV huwa proprjetà tal-Kunsill. Se jkun qed jitfassal pjan ta' kif ser jitħaddem is-servizz u ssir ukoll il-pubbliċità ta' dan il-proġett.

**Pubblikazzjoni ta' ittraaħbar li tqassmet lir-residenti kollha tal-lokalità dwar l-avvenimenti li seħħew fl-ordni tal-okkorrenza tagħhom rigward ix-xogħol li qed jaħdem fuqu l-Kunsill fwar il-kwalità tal-arja**

Matul is-sena 2024, il-Kumitat ad hoc li twaqqaf mill-Kunsill biex iżomm il-momentum dwar titjib fil-kwalità tal-arja, saru sensiela ta' laqgħat matul is-sena biex nindirizzaw din il-materja.

25.01.2024 – Laqgħa tal-Kumitat ad hoc

31.01.2024 – Komunikat mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali

09.02.2024 – Laqgħa fl-Uffiċċju ta' Dott. Roberta Metsola

13.02.2024 – Kunsens tal-Kunsill Lokali Ħal Lija dwar din il-materja fejn se jkun qed jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu dwar il-kwostjoni tal-irwejjaħ tossiċi li qed jiġu ġġenerati minn attività industrijali fl-Iklin

19.02.2024 – Laqgħa ma' Dottoressa Claire Bonello

19.02.2024 – Laqgħa tal-Kumitat ad hoc

23.02.2024 – Ombudsman Final Opinion

24.02.2024 – Laqgħa mas-Sindku tas-Swieqi

11.03.2024 – Laqgħa mal-Onor. Ministru Dott. Miriam Dalli

17.04.2024 – Il-Kunsill jissottometti t-tweġiba tiegħu lill-Awtorità ERA dwar l-abbozz leġiżlazzjoni – Il-Kunsill ipprepara tweġiba b'reazzjoni għall-abbozz leġiżlattiv bil-ħsieb li ma jkunx hemm loopholes fil-liġi fejn jidħol ir-regolamentazzjoni u l-infurzar ta' dawn l-impjanti tat-traffic.

## THE FIRST FORUM OF MAYORS' MEETING

Is-Sindku Dott Sciberras wiegħed li jkompli jaħdem dwar il-materja tal-kwalità tal-arja fl-Iklin u l-madwar. Kif sar fil-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill permess tal-Kumitat ad hoc li twaqqaf biex jindirizza d-diffikultà tal-irwejjaħ tossiċi ġġenerati minn impjant stabbilit fl-Iklin. Is-Sindku Dott. Sciberras ħareġ bl-ideja li jistieden lill-loklitajiet ġirien biex jingħaqdu mall-Kunsill Lokali L-Iklin f'din il-materja li ċertament qed timpatta lir-residenti tal-lokalitajiet ġirien. Ippropona li jiġi organizzat forum tas-Sindki biex jiddiskutu u jaqblu li jiffirmaw dikjarazzjoni konġunta biex ikomplu jaħdmu flimkien bil-għan li jinstabu rimedji.

The First Forum of Mayors' meeting sar nhar is-27 ta' Settembru 2024 ġewwa The Red Farm L-Iklin fejn ġew mistiedna s-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi flimkien mall-Kunsillieri responsabbli mill-Ambjent.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras irringrazzja lis-Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi mistiedna għaliex mhux biss attendew iżda s-Sindki ffirmaw dikjarazzjoni konġunta bid-data tas-27 ta' Settembru li fiha ddikjaraw li jinsabu konsapevoli illi ż-żona li tagħha s-Sindki huma rappreżentanti eletti b'vot u għażla taċ-ċittadini, għandhom diversi attivitajiet illi qegħdin jagħmlu impatt dirett fuq il-kwalità tal-arja, l-ikbar fosthom huma attivitajiet industrijali kif ukoll il-konġestjoni tat-traffiku.

Jifhmu li r-residenti li jgħixu f'dawn il-lokalitajiet tal-Iklin, Ħal Lija, Ħal Balzan, Swieqi, B'Kara, Naxxar, Ħal Għargħur u San Ġwann għandhom dritt sagrosant li jgħixu f'ambjent san u mingħajr ebda biża għas-saħħa tagħhom, kif ukoll id-dritt ta' tgawdija tar-residenza tagħhom mingħajr inkonvenjenzi ġġenerati minn attivitajiet industrijali u oħrajn eċċessivi li ma jirrispettawx l-ambjent urban u rurali li fihom qed joperaw. Jifhmu li l-komunità industriajli u dik kummerċjali għandha dritt illi topera fil-parametri tal-liġi. Jifhmu illi dawn l-isfidi huma sfidi li jistgħu jingħelbu biss jekk isiru sforzi kollettivi serji bejn l-imsieħba kollha konċernati, bl-akbar onerju jaqa' fuq il-Gvern Ċentrali u l-Gvernijiet Lokali taż-żona sabiex jinstab bilanċ fejn kulħadd jista jgawdi d-drittijiet tiegħu mingħajr xkiel u biża. F'dan ir-rigward, il-Gvernijiet Lokali firmatarji ddikkjaraw illu se jaħdmu flimkien sabiex jegħlbu b'kull mod possibbli l-isfidi fiż-żona tat-tmien lokalitajiet illi jimpattaw b'mod negattiv fuq il-kwalità tal-arja.

Għalhekk is-Sindki firmatarji intrabtu illi jaħdmu flimkien bil-prinċipju ta' koperazzjoni imsaħħa sabiex ikunu l-vuċi taċ-ċittadini rispettivi u eżempju ta' Governanza tajba u l-mod ta' kif għandhom jitmexxew il-Gvernijiet Lokali. Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li kien importanti issa li s-Sindki iffirmaw din id-dikjarazzjoni u jżommu dan il-*momentum* biex inkomplu nindirizzaw l-isfidi li hemm dwar il-kwalità tal-arja.

### L-ATTIVITÀ KULTURALI FESTA FJURI

Għal sena oħra il-Kunsill żamm l-appuntament annwali tiegħu bl-attività kulturali 'Festa Fjuri' li ttellgħet nhar il-25 ta' Mejju fi Triq Anton Buttigieg L-Iklin.

Din l-attività kulturali li sena wara l-oħra, qed dejjem tikber fil-popolarità tagħha qed issir bl-appoġġ finanzjarju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Sintendi l-moħħ wara din l-attività huwa l-Kunsill Lokali L-Iklin.

Il-Kunsill irnexxielu jottjeni l-fondi minn skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali li toħroġ mid-Direttorat. It-talba tal-Kunsill ġiet aċċettata u l-Kunsill ikkwalifika l-ammont ta' Eur15,019.00 VAT inkluż.

It-tema magħżula għal din is-sena kienet 'Nilqgħu n-natura bil-fjuri.

Festival annwali li ċċelebra n-natura, nhar is-Sibt 25 ta' Mejju. L-attività, li tinsab fil-11-il edizzjoni tagħha ġiet maħsuba li tippromwovi stil ta' ħajja san, permezz ta' għaqda ħajja man-natura.

L-attrazzjoni ċentrali tal-attività, għal darb'oħra kienet l-infjorata li kienet magħmula minn xejn inqas minn 9,000 xitla tat-tip petunja, fjura tipika ta' dawn iż-żminijiet. Flimkien mal-infjorata, il-Kunsill Lokali ħaseb li jkun hemm numru ta' attivitajiet u inizzjattivi li jippromwovu il-valuri tal-attività.

Filfatt Triq Ninu Cremona f'din il-lokalità ġiet imdawra f'ċentru għall-benesseri li jistieden lir-residenti u l-viżitaturi jipparteċipaw u jieħdu interess fin-natura. Ispirat mill-isem tal-lokalità, l-Iklin, il-Kunsill Lokali offriet b'xejn 'Xarba Klin', magħmula mill-ħwar tal-klin li għalih rinomata din il-lokalità. Xi frott frisk tal-istaġun u biċċa kejk tal-frott ma naqasx.

L-għan tal-attività jibqa' li jsostni sens ta' identità fil-lokalità żagħżugħa tal-Iklin.

Waqt il-Festa Fjuri, il-pubbliku kien imħeġġeġ ipartat xtieli u jitgħallem dwar il-passatemp tal-ġardinaġġ. Fl-aħħar tal-attività, il-qsari kollha tal-infjorata se tqassmu b'xejn lil dawk preżenti, biex iżejnu t-twieqi, gallariji u d-djar tagħhom bihom.

Festa Fjuri reġgħet ittellgħet bil-kollaborazzjoni ta' bosta NGOs u aġenziji involuti fil-qasam ambjentali, fosthom Ambjent Malta, Project Green, ERA, Friends of the Earth u Move for Trees, li kollha kienu preżenti waqt l-attività biex jiddiskutu mal-pubbliku dwar il-ħidma tagħhom. Il-Lija/Iklin Football Youth Academy u l-Iklin Scout Group kienu wkoll preżenti waqt il-Festa Fjuri.

L-Għaqda Mużikali San Piju X ta' Ħal Lija, esegwiet marċ u programm mużikali waqt l-attività, biex tferraħ lil dawk preżenti. Dan kien segwit minn kunċert ta' mużika leġġera minn Spiteri Lucas Band. L-attività offriet ukoll spazju għall-artisti kemm stabbiliti kif ukoll eżordjenti, li spiss l-arti tagħhom tkun ispirata min-natura u l-pajsaġġ Malti.

Fir-rokna tad-diskussjoni msejħa Eco Cafè, il-pubbliku seta' jitgħallem dwar diversi suġġetti interessanti li għandhom x'jaqsmu man-natura, fosthom il-fjuri selvaġġi ma' Alfred Baldacchino, id-dinja meraviljuża tal-fjuri ma' Dr Antoine Vella, l-użu tal-ħwawar fir-riċetti ma' Carmen Tedesco u l-Aromaterapija ma' Joyce Muscat.

**Proġetti b'risq il-lokalità – Landmark għal din il-lokalità**

Fi Frar li għadda, is-Sindku Dott Dorian Sciberras ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali jimxi għat-tieni fażi tal-proġett sabiex jikkummissjona l-istatwa life-size fil-ġebla tal-franka lill-iskultur Malti Joseph Micallef. Il-Kunsill approva unanimament. L-istatwa se tkun qed tirrapreżenta x-xbieha tal-Verġni Mqaddsa Marija li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja. Dan il-proġett se jsir fi Triq Wesgħa J B Scicluna. Il-Kunsill se jottjeni l-fondi għall-istatwa mingħand il-Kunsill Reġjonali Lvant. It-titjib u tisbiħ ta' *soft landscaping* se jsir minn kuntrattur appuntat mill-Public Works. Fil-frattemp, il-Kunsill issottometta applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex il-Kunsill jottjeni l-permess.

**Talba għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika – Sit fi Triq Dott. Pawlu Grech**

Fix-xhar ta' Ottubru, is-Sindku Dott Dorian Sciberras ressaq mozzjoni biex issir talba uffiċċjali għall-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika fis-sit ta' Triq Dott. Pawlu Grech. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo. Il-Kunsill approva unanimament. L-iskop wara din il-mozzjoni huwa sabiex din l-għalqa li hija proprjetà tal-Gvern u preżentement hija *under utilised* bid-diffikultajiet li ġġib magħha din l-għalqa fejn ħafna drabi qed tispiċċa b'akkumulu ta' skart u infestazzjoni tal-ġrieden.

Is-Sindku spjega li kien ser jitlob laqgħa ma' Project Green peress li l-ħsieb li l-Kunsill jitlob l-amministrazzjoni tal-proprjetà pubblika ta' Dott Pawlu Grech kien proprju sabiex ladarba l-Kunsill jottjeni l-art, ikun jista jinnegozja ma' Project Green dwar proġett aħdar għall-Iklin. Dan kien fuq suġġeriment ta' Project Green stess meta tkellimna magħhom f'laqgħa li nżammet fl-Uffiċini tagħhom f'Settembru li għadda. Żied jgħid ukoll li Project Green qed taħdem fuq proġett fl-Iklin u jixtieq jara fuq liema sit qed jitkellmu għaliex il-Kunsill bir-raġun kollu għandu jkun infurmat b'kull proġett propost li jsir fil-lokalità.

Il-Kunsill huwa kommess li jiggarantixxi titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-komunità u bl-iżvilupp ta' infrastruttura ħadra u spazji ġodda għall-parkeġġ, inkunu qed nimmiraw għal stil ta' ħajja sana li tagħmel il-bniedem kuntent u niggarantixxu ambjent aktar sostenibbli.

**Proġett għal titjib fil-playing field b'apparat ġdid u inklussività**

Il-proġett tal-playing field ġie finalment konkluż bix-xogħol fuq il-gazebo li issa nistgħu ngħidu li sar upgrade ġenerali tal-playing field attrezzat kif jixraq għat-tfal tal-komunità tagħna.

**Proġett iklincommunityproject**

Matul is-sena 2024, il-Kunsill Lokali L-Iklin organizza numru ta' attivitajiet soċjali għall-komunità tal-Iklin b'attivtajiet li jvarjaw mit-tfal sal-anzjani.

13/02/2024 - Carnival Party fis-Sala tal-Kunsill

23-25 W/end break 23-25 Frar

31/03/2024 - Jum il-Mara

10/05/2024 – Jum l-Omm

25/05/2024 – Festa Fjuri

31/05/2024 – Ħarġa għal Għawdex

06/09/2024 – Attività soċjali

European Week of Sport

Festi natalizji

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv, Asst. Prinċipal Uffiċjal u Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi Part-Time 30hrs per wk. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Ħaddiem ta' ERL Ltd assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin. Għandna wkoll impjegat tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diversi servizzi pubbliċi. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2024, il-Kunsill Lokali irċieva (356) ilmenti li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali, ilmenti dwar il-manutenzjoni tal-ġonna, indafa pubblika, u ilmenti oħra dwar l-immaniġġjar tal-iskart. (324) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi (32) bil-għan li jiġu ndirizzati u magħluqa sintendi jiddependi min-natura tal-ilment/suġġeriment. Hemm istanzi fejn il-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ndirizzati.

Il-ġabra ta' informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill turi kif fis-sena 2024, il-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti li kienu jikkonċernaw lill-entitajiet varji bħal Enemalta, WSC, Kummissarju tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Infrastructure Malta, ERA, l-Aġenzija LESA, MCA, Building and Construction Authority, service providers GO plc, Melita plc, Public Cleansing Department, CPD, Animal Welfare, u d-Dipartiment tas-Saħħa. L-ilmenti telgħu għal (356) fejn (324) ġew solvuti a sodisfazzjon tal-klijent u baqa' (32) ilment pendenti.

**Total Permits Report**

**Date issued from 01/01/2024 until 31/12/2024**
**Permits dates until 10/10/2025**

| Permit type | N. of permits | BOV | HSBC | Other bank | ePOS | Online | Cheque | Cash | Undefined | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Depożitu ta' kontejner | 160 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 1539.36 | EUR 0.00 | EUR 30.00 | EUR 210.00 | EUR 1779.36 |
| Depożitu ta' ħrejn jew makkinarju | 1201 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 8035.00 | EUR 1745.00 | EUR 7377.94 | EUR 592.94 | EUR 17750.88 |
| Depożitu ta' stekkat (boundary wall) | 2 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 |
| Divertiment Okkażjonali | 18 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 11.65 | EUR 36.99 | EUR 48.64 |
| Guarantee | 2 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 465.88 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 465.88 |
| No Parking Sign | 78 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 |
| Permessi ta' Depożitu ta' Skip | 79 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 156.84 | EUR 0.00 | EUR 413.16 | EUR 79.28 | EUR 649.28 |
| Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet | 1 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 14.50 | EUR 0.00 | EUR 14.50 |
| Trenching Works | 12 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 13.98 | EUR 0.00 | EUR 11.65 | EUR 2.33 | EUR 27.96 |
| Twaqqif ta' xi Posta jew Kjosk | 22 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 93.16 | EUR 0.00 | EUR 379.35 | EUR 46.58 | EUR 519.09 |
| Użu ta' scaffolding | 3 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 283.10 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 0.00 | EUR 283.10 |

Grand total: EUR 21538.69

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u jservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2024**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur121,503.83 |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40 |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,372.00c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur12,844.59c |
| HSBC Bank: | Bank Guarantee | 0 balance |
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur478.94 |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur5,895.98 |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur0.00 (Ecommerce Merchant Account) |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Niirringrazzja lis-Sindku Dott Dorian Sciberras tal-koperazzjoni u l-impenn sħiħ tiegħu lejn din il-lokalità. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri kollha tal-impenn sħiħ tagħhom għaliex huwa Kunsill li jaħdem b'mod kollettiv għall-ġid komuni tal-lokalità. Nirringrazzja wkoll lill-membri li qegħdin fis-sotto Kumitat ad hoc li qed ikunu ta' spalla għall-Kunsill fil-ħidma a favur tal-kwalità tal-arja nadifa fl-Iklin.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà, l-integrità u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti ta' din il-lokalità.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

Dott Dorian Sciberras

Sindku